SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 4210

Ilum il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joe Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 4110 li saret nhar it-Tlieta, 18 ta' Mejju 2010 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 MILL-MINUTI

### 1.1.1 *Kuntratt tal-Knis*

Il-Viċi Sindku rrefera għal kuntratt ta' knis u qal li mhux qed issir sorveljanza fuq is-servizz li qed jingħata. Huwa qal li f'*Neighbourhood* 1 mhux qed jiġu mbattla l-*bins* fi Pjazza Dorell u anki wħud mid-*doggie bins* li twaħħlu dan l-aħħar. Huwa semma wkoll id-*dumping* li qed ikun hemm wara s-*seperation bins* fi Triq il-Prinjoli quddiem *flats* Independenza. Il-Viċi Sindku qal ukoll li hemm ħafna ħaxix ħażin fi Pjazza 7 ta' Lulju.

Is-Sindku qal li kull min jinnota li hemm xi *dumping* fejn il-*bins* għandu jagħmel rapport immedjat lil Kunsill ħalli tittieħed azzjoni dak inhar stess. Huwa kompla jgħid li jekk il-*bins* ma jiġux imbattla għandu jinħareġ *default notice* lil kuntrattur. Rigward il-ħaxix ħażin fil-Pjazza, is-Sindku qal li issa l-ħaxix kien nixef u wasal biex jinqala'.

Il-Kunsillier Bonello qal li fi Pjazza 7 ta' Lulju hemm ukoll mattonċina maqlugħa u perikoluża.

### 1.1.2 *Bankina fi Triq Lellux*

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 4.5 tal-laqgħa preċedenti u tkellem dwar il-bżonn li ssir *grating* fuq il-bankina fi Triq il-Lellux għax qiegħda perikoluża. Is-Sindku qal li ser imur jara x'jista' jsir .

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-18 ta' Mejju 2010 u t-18 ta' Ġunju 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 730/10/O – Mepa – PA 18801/10
- 713/10/O – Santa Luċija Football Club – *Football Ground*
- 715/10/O – Ministeru tal-Finanzi – 5-*a-side Football Pitch*
- 714/10/O – ADT – *Petition* Triq Katerina Vitale
- 721/10/O – Kummissarju tal-Pulizija – Laqgħa mal-Pulizija
- 979/10/O – Ministeru (MRRS) – Kostruzzjoni ta' Latrina Pubblika

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 726/10/I – Heritage Superintendence – PA 4720/09
- 727/10/I – Perit Med Design – Masġar Karl Chircop
- 733/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* – Regolamenti Dwar is-Servizz ta' Ġarr tal-Passiġieri
- 788/10/I – Residenti – *Petition re*: Trejqet Garnaw
- 790/10/I – Ministeru għal Finanzi – Ġnien is-Serenita'
- 793/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 73/2010 – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf
- ♦ 813/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Memo 27/2010- Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar
- 838/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 52 – *Life Long Learning*

- 855/10/I – One Productions Ltd. – Programm għas-Sajf
- 830/10/I – Mepa – PA 01881/10
- 864/10/I – Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport – Klabb tal-Boċċi Santa Luċija
- 865/10/I – Kappillan Parroċċa San Piju X – Lejla Sajfija

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- *Memo* SLLC 08/2010 – Proposta ta' żvilupp fi Triq Ineż Soler

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 726/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li s-Superintendence of Cultural Heritage kitbet lil Mepa dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill PA 04720/09 biex isir tindif u skavar tas-sit arkeoloġiku fi Triq il-Lellux. Huwa qal li s-Superintendence infurmat li skond il-Cultural Heritage Act ma' jistgħax jinħareġ permess ta' żvilupp għal dan ix-xogħol.

Is-Sindku qal li llum stess saret laqgħa mas-Sur Natalian Cutajar mill-Heritage Superintendence fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-permess biex jibda l-proġett ta' tindif u skavar irid jinħareġ mill-Heritage Superintendence. Huwa qal li s-Sur Natalian Cutajar ser ikun qed jaħdem mal-Kunsill fuq dan il-proġett.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 727/10/I is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni għal żvilupp fir-rigward tal-Masġar Karl Chircop u qal li minn laqgħa li kellu l-perit tal-Kunsill mal-Case Officer tal-Mepa jidher li l-permess jista' jingħata biss biex jinżergħu aktar siġar, isir *reservoir* u ħitan tas-sejjieħ li jdawwru s-sit. Il-Kunsill qabel li tiġi emendata l-applikazzjoni b'dan il-mod. Is-Sindku ppropona wkoll li jsir bust ta' Karl Chircop fuq il-monument eżistenti. Huwa qal li diġa hemm xi fondi li kien baqa' mill-inizjattiva ta' l-MIME li jistgħu jintużaw għal dan il-għan.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 733/10/I saret referenza għal *memo* 70/2010: Regolamenti dwar is-Servizz ta' Ġarr tal-Passiġieri. Il-Kunsill qabel li għandha tinġieb aktar informazzjoni qabel il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti din l-inizjattiva.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 788/10/I il-Kunsill iddiskuta petizzjoni ffirmata minn individwi li jużaw Trejqet Garnaw u wrew ix-xewqa li din it-trejqa tiġi rranġata. Ġie deċiż li l-ħofor li hemm f'din it-triq għandhom jintlew bil-*cold asphalt*.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 790/10/I is-Sindku rrefera għat-talba li ressaq il-Kunsill dwar l-innovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' u nforma li l-Ministeru tal-Finanzi ser jitlob lil Ministeru tal-Kummerċ Ċiniż biex jibgħat esperti tekniċi biex jaraw xi spiża hemm involuta f'dan il-proġett.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 793/10/I il-Kunsill iddiskuta *memo* 73/2010 dwar Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-inizjattiva billi jiġu nstallati *ash trays* fejn ix-*shopping centres* u *recycable litter bins* f'żoni pubbliċi. Il-Kunsill qabel li jinvolvi l-parteċipazzjoni tar-residenti ta' tlett toroq partikolari fejn dawn ser jintbagħtilhom *leaflet* dwar kif, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, jistgħu jżommu t-triq tagħhom aktar nadifa. It-toroq magħżula huma Triq Znuber Triq Peprin u Triq Ġnien.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 813/10/I, is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kumitat ta' l-Evalwazzjoni ta' l-Iskema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar iddeċieda li jalloka s-somma ta' €12000 għal proġett ta' bini ta' latrina pubblika f'Dawret it-Torri. Is-Sindku qal li kien kiteb lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex ix-xogħol ta' kostruzzjoni jsir mill-ħaddiema tal-Gvern fejn il-Kunsill jixtri l-materjal u jħallas biss ta' 20% tal-*labour works*.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 838/10/I il-Kunsill iddiskuta *Memo* 52 *Life Long Learning*. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-iskema. Il-Viċi Sindku s-Sur Joe Balzan gie nkarigat jikkordina din l-inizjattiva.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 855/10/I il-Kunsill ġie nfurmat dwar programm fuq One TV bl-isem ta' Assedji li ser jittella' fis-Sajf u li għalih il-Kunsill qed jiġi mistieden biex jipparteċipa. Ġie nutat li kull *team* jeħtieġ ikollu 8 parteċipanti. Il-Kunsilliera Paulette Gafa ġiet inkarigata minn din l-inizjattiva.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 983/10/I li kienet tirrigwarda *memo* SLLC08/2010 – Proposta ta' żvilupp fi Triq Ineż Soler, il-Kunsill ikkonferma l-oġġezjonijiet tal-Kunsill għal dan l-iżvilupp.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 864/10/I il-Sindku qara ittra tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u qal li hemm bżonn ta' kjarifika ta l-aħħar paragrafu mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 865/10/I il-Kunsill qabel li joffri l-appoġġ tiegħu għal Lejla Sajfija li ser tiġi organizzata mill-Kumitat tal-Parroċċa San Piju X.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Kwotazzjonijiet*

#### *4.1.1 SLLC Q(57/10/06)*

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill wara li ħarġet sejħa għal *bowser service* biex issir tisqija *extra* tal-*green areas,* darba fil-ġimgħa, għax-xhur tas-Sajf. Għal din is-sejħa l-Kunsill irċieva dawn il-Kwotazzjonijiet:

| Kuntrattur | Ammont | Rimarki |
|---|---|---|
| Omar Brincat | €95 | |
| Ronald Bezzina | €60 | Bowser 13000 Ltrs |
| William Bugeja | €110 | Vat inkluż |
| Ruben Debono | €160 | Vat inkluż |

Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur Ronald Bezzina tefgħa l-aktar offerta vantaġjuża.

#### *4.1.2 Sejħa għall-Kwotazzjonijiet*

Il-Kunsill qabel li joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal xiri ta':

- Recycling Litter Bins
- Locality Signs

### 4.2 Għoti ta' *mobile bike* mill-Community Chest Fund

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Community Chest Fund kienu taw *mobile bike* lil resident żgħażugħ bi bżonnijiet speċjali. Huwa ppropona li l-Kunsill jagħmel rampa fuq il-bankina quddiem l-entratura tal-blokk fejn joqgħod dan ir-resident biex ikun hemm aċċessibilita' aħjar biex jidħol u joħroġ mir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 4.3 *Binding tal-Minuti*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal *binding* tal-Minuti li tammonta għas-somma ta' €220 (Vat inkluż)

### 4.4 *Plinth għall-iskultura ta' Neville Ferry fil-Picnic Area*

Is-Sindku rrakomanda li l-*plinth* tal-iskultura ta' Neville Ferry jiġi miksi b'qoxra tal-ġebla maltija peress li għandu bżonn ta' manutenzjoni. Huwa qal li l-ispiża nvoluta tammonta għal €1000 Vat inkluż. Il-Kunsill approva din l-ispiża.

### *4.5 Work Placement*

Il-Kunsill ġie nfurmat li studenta mir-Rumanija ser tkun qed tagħmel *work placement* fil-Kunsill bejn l-1 ta' Lulju 2010 u Settembru 2010.

### *4.6 Proposta ta' Proġett taħt l-ERDF*

Is-Sindku rrefera għal minuta 4.1 tal-laqgħa preċedenti u għall-*expression of interest* li bagħt il-Kunsill dwar proposta ta' proġett dwar energija, taħt l-ERDF. Huwa qal li l-Kunsill ma jaqax taħt il-kriterji rikjesti taħt dan il-fond.

### *4.7 Ħarġa għax-xahar ta' Lulju*

Il-Viċi Sindku nforma l-Kunsill li kien ser jorganizza ħarġa għax-xahar ta' Lulju 2010. Is-Sindku qallu li meta jkollu d-dettalji kollha ta' din l-attivita', barra li jidhru fuq in-*notice boards* bħas-soltu issa jistgħu jintbagħtu wkoll bl-*e-mail* lir-residenti.

### *4.8 Oħrajn*

**4.8.1** Il-Kunsill iddiskuta xi suġġerimenti tar-residenti. Fost dawn kien hemm suġġeriment minn resident fi Triq Katerina Vitale dwar il-bżonn ta' *sleeping police* fi Triq Katerina Vitale. Il-Kunsill innota li diġa kien ressaq talba lil ADT u din ma' ġitx approvata. Ġie nutat ukoll li l-Kunsill kien reġa kiteb fejn talab lil ADT biex terġa tikkunsidra din it-talba. Il-Kunsill kien bagħt ukoll petizzjoni, li għamlu r-residenti ta' din it-triq, għal attenzjoni tal-ADT.

**4.8.2** Is-Sindku qara ittra ta' resident dwar l-istat ta' numru ta' toroq ġo Santa Luċija. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din l-ittra u fil-kummenti tiegħu qal li filwaqt li l-Kunsill huwa konxju li hawn toroq li jinsabu fi stat ħażin, il-problema kienet u tibqa dik tal-finanzi. Fir-rigward ta' Triq Inez Soler il-Kunsill qal li kien ser jibqa jagħmel pressjoni fuq il-gvern ċentrali biex jibda x-xogħol fuq din it-triq li kellha titlesta sas-sena 2008.

**4.8.3** Il-Kunsill innota suġġeriment ta' resident li qed jitlob li jsiru *parking bays* fi Triq Stefanotis. Il-perit għandu jintalab iħejji pjanta biex tintalab l-approvazzjoni ta' l-ADT għal dawn il-*parking bays*.

**4.8.4** Is-Sindku qara ittra ta' resident minn Dawret it-Torri li kiteb dwar tindif ta' Trejqet il-Liedna, sewqan esegerat kif ukoll dwar il-bżonn li titwaħħal mera fi Triq il-Liedna liema mera tkun tħares fuq Trejqet iż-Żahar. Il-Kunsill qabel li ssir mera fejn talab dan ir-resident u li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar il-knis u tindif ta' Trejqet il-Liedna.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3103 sa numru BOV3151 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Mejju (CM42(01) u (02)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 4110.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Mejju 2010 Ammont *Gross* €4798.33

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| MSD | SM57 | 10/104 PLU | 54.11 |
| Koptasin | SM57 | 13028 | 21.77 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | 1974444 | 63.02 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | 1974443 | 51.88 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | 19674442 | 80.00 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | 12 | 2835.75 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | 15 | 1131.53 |
| Koptasin | SM57 | 13153 | 409.14 |
| ELC Ltd. | 6273 | 6273<br>Mejju 10 | 2061.50 |
| Cleansing Serv.Dept. | PC57 | 50253<br>Mejju 10 | 507.73 |
| Nexos Street Lighting | Str.Lighting | 2008619 | 854.13 |

## 6. RAPPORT FINANZJARJI – 01/01/2010 sa 31/03/2010

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju li jkopri d-dħul u l-infieq tal-Kunsill fl-ewwel tlett xhur tas-sena finanzjarja. Għal din il-laqgħa kien hawn presenti l-*accountant* tal-Kunsill li ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport u wieġeb għad-domandi kollha li sarulu mill-Kunsilliera. Fil-kummenti tiegħu l-*accountant* qal li f'dawn l-ewwel tlett xhur il-Kunsill nefaq flus aktar mill-daħħal peress li saru x-xogħolijiet fuq il-manutenzjoni tal-bankini. Huwa ġibed l-attenzjoni ta' l-Kunsill li issa bdew jonqsu l-*available funds* li l-Kunsill kellu mis-snin ta' qabel, għaldaqstant huwa mportanti li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill tibqa tiġi *monitored*.

## 7. ATTIVITAJIET JUM SANTA LUĊIJA

### *7.1 Ġieħ Santa Luċija*

Il-Kunsill iddiskuta l-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija għas-sena 2010. Ġie kkonfermat l-għoti ta' dan il-Ġieħ lil Dr Karl Chircop. Is-Sindku ppropona li dan il-Ġieħ jingħata wkoll lil ex-Kunsilliera u l-ewwel Viċi Sindku ta' Santa Luċija, is-Sinjura Josette Pisani. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din in-nomina. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir *dinner* uffiċċjali għad unur ta' dawn it-tnejn minn nies.

### *7.2 Attivitajiet*

Is-Sindku nforma wkoll dwar xi tibdil fil-programm tas-serata tas-16 ta' Lulju 2010. Huwa qal li minflok *fashion show* ser issir serata mużikali mtella' mill-Exotique.

## 8. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fl-4.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa jiltaqa' nhar it-Tnejn, 26 ta' Lulju 2010 fis-1.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati illum** ............................,

**........ ta' ..........................., 2010**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**